# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/937

**tas-27 ta' Mejju 2019**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana [1] (il-"Konvenzjoni NASCO") ġiet approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE [2] u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 1983.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim dwar il-Ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, u soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 [3], fl-1 ta' Novembru 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.

(3) Sal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' Stat Membru li jgawdi d-drittijiet kollha u li huwa marbut bl-obbligi kollha derivanti mit-Trattati, inkluż il-konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali.

(4) Fil-linji gwida tiegħu adottati fid-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-ħtieġa, fil-kuntest internazzjonali, li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tar-Renju Unit bħala Stat Membru li ħiereġ, dment li ir-Renju Unit jirrispetta l-obbligi tiegħu u jibqa' leali lejn l-interessi tal-Unjoni waqt li jkun għadu Stat Membru.

(5) Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-25 ta' April 2019 [4] ("Ftehim dwar il-Ħruġ") fih arranġamenti għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni għar-Renju Unit u fir-Renju Unit wara d-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit ("Perjodu ta' Tranżizzjoni"). Jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ jidħol fis-seħħ, il-liġij tal-Unjoni, inkluż il-ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija Parti tagħhom, tkompli tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit matul il-Perjodu ta' Tranżizzjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u ma tibqax tapplika fi tmiem il-Perjodu ta' Tranżizzjoni.

(6) Bħalissa l-Konvenzjoni NASCO tapplika għar-Renju Unit bħala riżultat tal-fatt li l-Unjoni hija Parti Kontraenti ta' dik il-Konvenzjoni.

(7) Skont l-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni NASCO, il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-adeżjoni, soġġett għall-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana stabbilit bil-Konvenzjoni NASCO, minn kull Stat li jeżerċita ġuriżdizzjoni fuq is-sajd fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana jew li huwa Stat tal-oriġi għall-istokkijiet tas-salamun.

---

[1] ĠU L 378, 31.12.1982, p. 25.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE tat-13 ta' Diċembru 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

[4] ĠU C 144I, 25.4.2019, p. 1.

(8) Fit-28 ta' Frar 2019, ir-Renju Unit ippreżenta applikazzjoni biex jissieħeb fil-Konvenzjoni NASCO bħala Parti Kontraenti fid-dawl tal-possibbiltà li ma jkunx hemm Ftehim dwar il-Ħruġ sad-data meta t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit.

(9) Skont l-Artikolu 66 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ("UNCLOS") ([5]), l-Istati li fix-xmajjar tagħhom joriġinaw l-istokkijiet anadromi għandu jkollhom l-interess primarju fit-tali stokkijiet u r-responsabbiltà primarja għalihom. L-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi għandu jiżgura l-konservazzjoni tagħhom billi jistabbilixxi miżuri regolatorji xierqa għas-sajd fl-ilmijiet kollha li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva tiegħu. F'każijiet fejn l-istokkijiet anadromi jpassu lejn ilmijiet li jkunu jinsabu 'l ġewwa mil-limiti esterni taż-żona ekonomika esklussiva ta' Stat li ma jkunx l-Istat tal-oriġini tagħhom, jew fejn dawn ipassu minn dawk l-ilmijiet, dak l-Istat għandu jikkoopera mal-Istat tal-oriġini fir-rgward tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni ta' tali stokkijiet.

(10) Sabiex jiġi evitat is-sajd mhux sostenibbli, huwa fl-interess tal-Unjoni li r-Renju Unit jikkoopera fil-ġestjoni tal-istokkijiet tas-salamun b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li tirrigwarda l-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' ħażniet ta' ħut li jpassi f'żona limitata (straddling) u ħażniet ta' ħut li jpassi ħafna ([6]) ("UNFSA") tal-4 ta' Awwissu 1995, jew ta' kull ftehim internazzjonali ieħor jew kull standard ieħor tad-dritt internazzjonali.

(11) Kif previst fl-Artikolu 66 tal-UNCLOS, l-Istat tal-oriġini tal-istokkijiet anadromi u l-Istati l-oħrajn li jistadu għal dawk l-istokkijiet iridu jagħmlu arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu. Tali kooperazzjoni tista' tiġi stabbilita fil-qafas tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.

(12) Is-sħubija tar-Renju Unit fil-Konvenzjoni NASCO tippermetti lir-Renju Unit jikkoopera b'rabta mal-miżuri meħtieġa ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni, filwaqt li jitqiesu kif dovut id-drittijiet, l-interessi u d-dmirijiet ta' pajjiżi oħrajn u tal-Unjoni, u tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd jitwettqu b'mod li jwassal biex l-istokkijiet tas-salamun ikkonċernati jiġu sfruttati b'mod sostenibbli.

(13) Għalhekk, huwa fl-interess tal-Unjoni li tapprova l-applikazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit biex jissieħeb fil-Konvenzjoni NASCO mill-mument meta l-liġi tal-Unjoni ma tibqax japplikaw għar-Renju Unit,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana stabbilit bil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana għandha tkun ta' approvazzjoni tal-applikazzjoni ppreżentata mir-Renju Unit biex jissieħeb f'dik il-Konvenzjoni dment li din l-approvazzjoni tingħat mill-mument meta l-liġi tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. HURDUC

([5]) ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3.
([6]) ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.